MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2014

Numru. 567/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jason Francis Sultana)**

**vs.**

**Claudio Mallia**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Claudio Mallia ta’ 31 sena, bin il- mejjet Anthony u Rita nee’ Cuschieri, imwieled gewwa l- Pieta’ nhar it- 8 ta’ Ottubru 1981, residenti Bieb A, Flat 7, Triq Sant’Orsola, Valletta u detentur tal- karta tal- identita’ bin-numru 557681(M)

Akkuzat talli:

1. Nhar it-13 ta' Gunju 2014 ghal habta ta' 1700hrs fi Triq ix- Xatt Pieta', ikkommetta serq ta' handbag li kien fih flus u Iphone 4, ta' ammont li ma jeccedix l-valur ta' elfejn tlett mija u disgha w disghin Ewro u sebgha w tletin centezmu (€ 2329.37) izda huwa aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94), minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBL542, liema serq huwa aggravat bil-"Valur" u kif ukoll bix-"Xorta tal-haga misruqa" ghad-detriment ta' Anthea Maria D'Amico detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 471979M u dan bi ksur ta' Artikolu 261(c)(g), 267, 271(g), 279(a) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistata b'reat u dan bi ksur ta' Artikolu 334(a) ta' Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti hija gentilment mitluba titratta ma Claudio Mallia bhala recidiv ta' sentenza imposta fuqu mill-Qorti Kriminali, liema sentenza ma tistax tigi mhassra ai terminu ta' l-Art. 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri. Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih hija ta' sitt (6) snin prigunerija, u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-Avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena. Waqt din it-trattazzjoni, l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-oggetti li kien hemm fil-hand bag li nsteraq kienu tletin Ewro (€30) fi flus kontanti u *Iphone* ta' valur ta' erba' mija u ghoxrin Ewro (€420) apparti xi oggetti ohra li kellhom valur minimi.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat u l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija. Pero irid jinghad ukoll li l-imputat inqabad *red handed* jisraq, u gie mizmum minn persuna privata, sakemm gew il-pulizija u arrestawh.

Mir-rapport tal-pulizija (Dok JS6) jirrizulta li l-affarijiet kollha misruqa gew ritornati lill-vittma, qabel inbdew dawn il-proceduri.

Il-Qorti ikkonsidrat ukoll li l-valur ta' l-oggetti misruqa kien ta' circa erba' mija u hamsin Euro (€450). Pero, dan is-serq huwa aggravat ukoll bix-xorta tal-haga misruqa, stante li s-serq sar minn vettura li kienet fit-triq.

Il-Qorti ikkunsidrat ulterjorment li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew idejali tar-reati.

Il-piena tal-imputat ghandha ai termini tal-Artikolu 337(2) tal-Kodici Kriminali titnaqqas b'zewg gradi stante li l-imputat irritorna lura l-oggetti misruqa lil sidhom qabel bdew dawn il-proceduri kriminali. Pero, dan il-beneficcju qed jigi newtralizzat bil-fatt li fl-opinjoni tal-Qorti il-piena ghandha tizdied b'zewg gradi ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, stante li din hija t-tielet darba li l-imputat instab hati ta' serq. Irid jinghad ukoll li mill-fedina penali, jirrizulta li l-imputat ghandu zewg kundanni ohra minn dawn il-Qrati ghal attentat ta' serq.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll illi kemm id-difiza kif ukoll il-prosekuzzjoni qablu li l-imputat ghandu l-vizzju tal-abbuz tad-droga, u seraq sabiex imantni dan il-vizzju tieghu. Fil-fatt fil-fedina penali tieghu, l-imputat ghandu kundanna ohra minn dawn il-Qrati ghal pussess semplici tad-droga eroina. Pero, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, min isofri mill-problema tad-droga ghandu jipprova jikkura ruhu u jfittex l-ghajnuna biex isolvi l-problema tieghu, u mhux jisraq sabiex imanti l-vizzju tieghu. Il-vizzju u l-problemi ta' dak li jkun ma jintitolahx jaghmel hsara lil haddiehor.

L-imputat ghandu wiehed u tletin (31) sena u ghalhekk mhux xi adoloxxent immatur. In oltre, dawn il-Qrati diga taw lill-imputat ordni ta' *probation* ghal tlett snin u *conditional discharge* ghal tlett snin ohra, ghal reati ohra li huwa ikkommetta. Sfortunatament jidher li l-imputat ma uzufruwixxiex ruhu mill-opportunitajiet li tawh dawn il-Qrati li jirriforma ruhu. Ghaldaqstant, il-Qorti hija ta' l-opinjoni li piena ghandha tkun wahda ta' piena karcerarja effettiva.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(c) u (g), 267, 271(g), 279(a), 280(1), 20, 334(a), 337(2), 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sena (1).

Fl-ahharnett, il-Qorti tattira l-attenzjoni tad-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta' Kordin li minhabba l-problema li ghandu l-hati ta' abbuz ta' droga, jehtieg li jinghata l-kura kollha mehtiega minhabba tali problema.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------